TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 158/20/F

**Bartholomew Debono**

**vs**

**Portelli & Brincat Limited**

Illum, 6 ta' Diċembru 2021

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar is-6 ta' Novembru 2020 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar is-27 t'Ottubru 2020 f'idejn ċertu Mauro Portelli;

Ra lis-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tat-22 ta' Novembru li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' tmenin Euro (€80.00) li huwa kien ħallas bħala *deposit* lis-soċjetà intimata meta huwa inkarigaha sabiex tforni u tinstalla *casette roller blind.*

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li huwa ħallas id-*deposit* kif mitlub, is-soċjetà intimata baqgħet ma lestietx u ma installatx il-*blind* in kwistjoni u dan nonostante li kien hemm ħafna insistenza minn naħa tar-Rikorrent kemm telefonikament kif ukoll tramite l-assistenza tal-MCCAA.

Illi s-soċjetà intimata effettivament naqset milli tqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova l-każ tiegħu b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tiegħu timmerita akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha u jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' tmenin Euro (€80.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
*Arbitru*